MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**ANTON DEPASQUALE**

**ONOR. IMHALLEF**
**ALBERT J. MAGRI**

Seduta ta' l-24 ta' Settembru, 2004

Appell Civili Numru. 617/1995/1

**Nicholas Cassar, f'ismu proprju, kif ukoll ghan-nom u fl-interess ta' l-azjenda kummercjali imsejha "Nicholas Cassar", u l-imsemmi Nicholas Cassar u Maria Carmela Cassar ghan-nom u fl-interess tas-socjetà Nicholas Cassar Limited, ghal kull interess li jista' jkollha**

**v.**

**John u Stephen Parnis England, ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjetà "W.J. Parnis England Limited" bhala agenti tas-socjetà "Niver Lines", armaturi tal-vapur "Karpathos", James Hayes bhala**

**Chairman ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjetà Hayes Insurance Agency Limited, u Albert Mizzi u Norman Mifsud ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjetà Middle Sea Insurance Company Limited, l-imsemmija socjetajiet ta’ assikurazzjoni ghal kull interess li jista’ jkollhom, u b’nota tat-tnejn (2) ta’ Awissu, 1995 Joseph Bowman assuma l-atti tal-kawza minflok John u Stephen Parnis England ghan-nom ta’ W.J. Parnis England Limited bhala agenti tas-socjetà Niver Lines armaturi tal-vapur Karpathos, u b’nota tas-sebgha (7) ta’ Awissu, 1995**
**Evander Borg assuma l-atti tal-kawza ghan-nom u fl-interess**
**tas-socjetà Middle Sea Insurance Co. Ltd.**

**Il-Qorti:**

Rat l-att ta’ citazzjoni pprezentat fl-allura Qorti tal-Kummerc illi permezz tieghu l-atturi, wara illi ppremettew illi huma impurtaw f’Malta kwantità ta’ cikkulata minn Buenos Aires, l-Argentina, u ghat-trasport bil-bahar ftehmu mas-socjetà W.J. Parnis England Ltd., agenti f’Malta tad-ditta Niver Lines, armaturi tal-bastiment *Karpathos*, sabiex iwasslu dan ix-xoghol f’Malta; illi anke kif jirrisulta mill-annessa *Bill of Lading* (Dok. A), billi l-merkanzija kienet tikkonsisti f’cikkulata, din kellha tigi trasportata *below water line*; illi dan ix-xoghol kien assikurat mas-socjetà Hayes Insurance Agency Limited, u dan kif jirrizulta mill-kopja tal-polza ta’ l-assikurazzjoni numru 000003 151 91 93 annessa u mmarkata Dok. B; illi meta waslet Malta l-merkanzija, partijiet sostanzjali minnha irrizultaw imhassra jew *blemished*, u dan kif jirrizulta mill-annessa kopja ta’ rapport tas-*surveyors* immarkat Dok. C; illi l-merkanzija waslet Malta fit-8 ta’ Mejju, 1994; illi wkoll, minhabba fin-nuqqas da parti tas-socjetà li tesegwixxi l-obbligi minnha assunti fedelment, il-merkanzija waslet Malta b’dewmien konsiderevoli; illi ghalkemm interpellati sabiex jersqu ghall-likwidazzjoni u ghall-hlas tad-danni, sia minhabba fid-dewmien kif ukoll minhabba fil-hsarat ikkagjonati waqt it-trasport, il-konvenuti, jew min minnhom, baqghu inadempjenti; talbu

ghaliex dik il-Qorti m'ghandhiex: 1. tikkidjara illi l-atturi sofrew danni naxxenti sia minhabba f'dewmien kif ukoll mit-trasport difettuz ta' merkanzija li waslet Malta mhassra; 2. tillikwida d-danni sofferti; 3. tikkundanna lill-konvenuti, jew min minnhom, sabiex ihallsu lill-atturi d-danni hekk likwidati; bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittri ufficjali tat-18 ta' Marzu, 1994, tal-25 ta' Mejju, 1994, u tat-28 ta' Ottubru, 1994, u bl-imghax mid-dati ta' l-imsemmija ittri ufficjali, u bl-ingunzjoni tal-konvenuti in subizzjoni;

Rat id-dikjarazzjoni ta' l-atturi, konfermata bil-gurament minn Nicholas Cassar, u l-listi tax-xhieda u tad-dokumenti relattivi;

Rat in-nota ta' eccezzjonijiet tal-konvenut James Hayes nomine;

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenut James Hayes nomine, guramentata minn Matthew Hayes, u l-lista tax-xhieda relattiva;

Rat in-nota ta' eccezzjonijiet tal-konvenut Joseph Bowman nomine illi biha eccepixxa:
(1) Illi preliminarjament l-eccipjenti nomine ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju fil-konfront tas-socjetà attrici Nicholas Cassar Limited stante li m'hemm l-ebda relazzjoni guridika mal-istess socjetà;

(2) Illi fil-meritu l-eccipjenti ma jistax jinzamm responsabbli ghad-danni allegatament sofferti mill-attur et noe u dan peress li l-merkanzija giet trasportata mill-M.V. Karpathos tan-Niver Lines skond l-istruzzjonijiet moghtija mill-attur et noe kif jidher mid-dokumenti esebiti mill-attur et noe bhala Dok G sa Dok J;

(3) Illi kif jidher mill-fatti tal-kaz is-socjetà konvenuta kienet responsabbli ghat-trasport minn Buenos Aires sa Livorno biss u mhux minn Livorno sa Malta;

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri;

Rat id-dikjarazzjoni tas-socjetà konvenuta W.J. Parnis England Limited, guramentata minn Joseph Bowman, u l-lista tax-xhieda relattiva;

Rat in-nota ta’ eccezzjonijiet tal-konvenut Evander Borg nomine;

Rat id-dikjarazzjoni tas-socjetà konvenuta Middle Sea Insurance Company Limited, guramentata minn Evander Borg, u l-lista tax-xhieda relattiva;

Rat in-nota tal-hamsa (5) ta’ Gunju, 1997 illi permezz taghha l-atturi cedew l-atti tal-kawza fil-konfront tas-socjetà Middle Sea Insurance Company Limited u tas-socjetà Hayes Insurance Agency Limited;

Rat id-digriet tal-Prim Awla tal-Qorti Civili tat-tmienja (8) ta’ Jannar, 2001 illi huwa fit-termini segwenti:
“Il-Qorti,

“Rat it-talba ta’ l-attur pro et nomine kif kontenuta fil-verbal datat is-16 ta’ Novembru 2000, cjoè li dwar il-quantum tad-danni huwa jigi awtorizzat jesibixxi dokument li juri li l-merkanzija de quo giet distrutta;

“Rat l-oppozizzjoni tal-kontroparti;

“Trattat dan il-punt;

“Illi ghalkemm hu minnu li din il-kawza kienet waslet fl-istadju tat-trattazzjoni finali, però konsiderat il-fatt li d-dokument imsemmi mill-attur pro et nomine inhareg fil-mori tal-kawza u wiehed ghandu jipprezumi li huwa dokument ufficjali li ser juri stat ta’ fatt li già avvera ruhu;

“Tilqa’ t-talba ghall-produzzjoni tad-dokument surreferit b’rizerva lill-konvenut nomine ghal fini ta’ verifika ta’ l-istess dokument u ghad-dritt ta’ kontro-ezami jew xhieda kuntrarja, skond il-kaz”;

Rat is-sentenza tat-tmienja (8) ta’ Ottubru, 2001 illi permezz taghha l-Prim Awla tal-Qorti Civili ddecidiet hekk:

"… fl-ewwel lok tastjeni milli tiehu konjizzjoni tal-kawza in kwantu giet diretta kontra s-socjetajiet Hayes Insurance Agency Limited u Middle Sea Insurance Company Limited a spejjez ta' l-attur proprio et nomine (taxxa *come ceduta*) stante n-nota ta' cessjoni li giet ipprezentata fil-konfront taghhom; tilqa' l-ewwel eccezzjoni tas-socjetà konvenuta W.J. Parnis England Limited u tilliberaha mill-osservanza tal-gudizzju in kwantu biss l-azzjoni giet istitwita wkoll mis-socjetà Nicholas Cassar Limited; tilqa' t-talbiet l-ohra kollha in kwantu maghmulin biss minn Nicholas Cassar proprio u fl-interess tad-ditta Nicholas Cassar kontra s-socjetà konvenuta W.J. Parnis England Limited bhala agent tas-socjetà 'Niver Lines', armaturi tal-vapur 'Karpathos', u kwantu ghat-tieni talba qeghda tillikwida d-danni fl-ammont ta' Lm13,174.80c, u fl-ahharnett, tikkundanna lis-socjetà konvenuta W.J. Parnis England Limited li thallas dawn id-danni, bl-ispejjez gudizzjarji, *eccetto* dawk li jissemmew <u>supra</u>, u bl-interessi mid-data ta' din id-decizjoni (peress li l-ammont ta' danni kien wiehed *da liquidarsi*) sal-pagament effettiv";

u dana wara illi kkunsidrat hekk:

"… li din hija azzjoni ta' danni riferibbilment ghal konsenja u trasport ta' cikkulata li kellha tingarr bil-bahar minn Buenos Aires, Argentina sa Malta. L-ordni saret mid-ditta Nicholas Cassar gestita mill-attur Nicholas Cassar, filwaqt li s-socjetà estera speditrici kienet ARCOR S.A.I.C. socjetà Argentina. Il-garr ta' din il-merkanzija - hekk jirrizulta mill-polza ta' kariku (Dok. A, a fol. 9-11 tal-process) - gie moghti u miftiehem mal-kumpanija NIVER LINES, li l-agenti lokali taghha kienet is-socjetà lokali W.J. Parnis England Limited, kif dakinhar rapprezentata minn John u Stephen Parnis England, u dawn kollha bhala armaturi tal-bastiment *Karpathos* li kellu jgorr il-merkanzija <u>de quo</u>. Il-konsistenza u kondizzjonijiet tal-garr tal-merkanzija huma kollha deskritti fil-polza ta' kariku surriferita u tajjeb li jigi rilevat - ghax dan huwa punt pertinenti u rilevanti hafna ghall-kawza in ezami, li l-merkanzija tghabbiet jew suppost tghabbiet taht il-kondizzjonijiet segwenti, jigifieri: '*Freight collect; Clean on Board*;' u '*Stored Below Water Line*'. Il-port mnejn

tghabbiet il-merkanzija kellu jkun - u fil-fatt kien - Buenos Aires, filwaqt li l-merkanzija kellha tigi skarikata fil-port ta' Valletta, Malta. Mill-provi akkwiziti - u partikolarment mid-depozizzjoni moghtija minn Graziella Cassar, kif korroborata mix-xhieda l-ohra prodotta mill-attur - il-ftehim li sar mid-ditta Nicholas Cassar kien biss mas-socjetà W.J. Parnis England ghal dak li kien jikkoncerna trasport u ma' hadd izjed. Naturalment is-socjetà W.J. Parnis England Limited kienet qeghda tagixxi fil-kwalità taghha ta' agent tas-socjetà NIVER LINES.

"Illi mill-provi prodotti jirrizulta li minkejja li d-ditta importatrici nsistiet li l-merkanzija kellha tingieb direttament mill-Argentina sa Malta, fil-fatt hija giet in segwitu nfurmata li dan ma kienx possibbli u li, minflok kien jinhtieg li jsir trasbord. Effettivament dan it-trasbord sar fil-port ta' Livorno, fl-Italja. Kif xehdet Graziella Cassar (ara depozizzjoni a fol. 99 tal-process),

'*Ahna stressjajna (sic) li dejjem ikun dirett. Fil-fatt ammettewh dirett darba, darbtejn u regghu waqqghuh. Ahna ma kellniex 'option' ohra hlief illi naccettaw is-servizz illi kellhom ituna ghas-semplici raguni li x-xoghol kien imhallas u kien lest hemmhekk. Ma nistghax inhalli flusi hemmhekk u ma nistghax ingibu. B'mod jew iehor irridu ngibuh*.'

"U aktar 'il quddiem (fol. 100) in kontro-ezami kompliet hekk,

'*il-'bill of lading' jghajjat lin-Niver Lines però l-agenti taghhom huma Parnis England. Jiena kelli x'naqsam ma' Parnis England bhala agent taghhom*'.

"Il-kwadru shih huwa kkompletat bix-xhieda moghtija minn Joseph Bowman, General Manager tas-socjetà konvenuta W.J. Parnis England Ltd. li jispjega kwantu *segue* (fol. 112),

'*Originarjament kellu jigi ma' vapur iehor però minhabba li wahda mill-kundizzjonijiet li kienu qed jghidulna Nicholas Cassar kien(et) li l-'container' irid jigi stivat 'under the*

*water line', jigifieri taht il-bahar, il-vapur ma kellux il-facilità ghaliex kien digà mghobbi u kellna nbiddlu minn vapur ghal iehor*'.

"F'dana l-istadju, u bil-*fiat* tas-socjetà konvenuta, id-ditta Nicholas Cassar dahlu direttament huma in korrispondenza mal-principali taghhom, jigifieri n-Niver Lines, u gie miftiehem li t-trasbord isir minn Livorno minflok minn Barcellona, kif fil-bidu gie suggerit min-Niver Lines. Ix-xhud Bowman ikompli hekk (fol. 113),

'*Il-vapur wasal Livorno, inhatt, il-'container' ovvjament haduh l-agenti tal-principali taghna li mbaghad irrangaw mas-Sea Malta li ghamlet il-vjagg minn Livorno ghal Malta*'.

"Illi jirrizulta, skond dan ix-xhud, li fil-polza ta' kariku tas-Sea Malta l-kundizzjoni li l-merkanzija de quo tingarr *under the water line* giet imhassra. Ix-xhud allura jkompli hekk,

'*u l-vapur (tas-Sea Malta) gie hawn u l-container ma tghabbiex 'under the water line' però dik hija responsabbiltà tal-vapur tas-Sea Malta. Ahna ma ahniex l-agenti tas-Sea Malta. Ahna l-agenti biss tan-Niver Lines*'.

"Illi ghalkemm il-probibiltà hija li, fil-fatt, huwa minnu li s-socjetà konvenuta W.J. Parnis England Ltd. m'hijiex agenti wkoll tas-Sea Malta, madanakollu jirrizulta kjarament li meta ssubentrat is-Sea Malta, dan kollu sar bi ftehim u b'arrangament mal-principali taghhom, jigifieri n-Niver Lines. Jekk l-agenti lokali taghhom accettaw li l-ahhar parti tat-trasport issir mis-Sea Malta u li n-Niver Lines fl-ahhar mill-ahhar kienet responsabbli li twassal il-merkanzija fil-port ta' Valletta *under the water line*, ir-responsabbiltà li jsir hekk bla dannu ghall-merkanzija kienet u baqghet taghha, jigifieri tas-socjetà W.J. Parnis England Limited bhala agenti tan-Niver Lines.

"Illi mill-provi jirrizulta li l-merkanzija de quo twasslet Malta fi stat iddanneggjat. Ir-rizultat ahhari kien li fil-maggor

parti taghha din il-merkanzija ma baqghetx aktar negozjabbli ghaliex il-butir li jipproduciha gie affettwat bit-taqlib fit-temperatura u c-cikkulata bjadet u kriehet u ma baqghetx aktar tajba biex timbiegh. B'rizultat ta' dana kollu l-importatur spicca biex ma setghax jiddisponi mill-merkanzija hlief ghal parti zghira hafna minnha li kien lahaq qassam fil-bidu lill-klijent tad-Ditta u li fil-bicca kbira taghha regghet giet ritornata lilu. Elenku dettaljat ta' dawn id-danni, apparti x-xhieda moghtija dwarhom, jinsab esebit a fol. 144 tal-process. Dan juri li b'kollox id-Ditta Nicholas Cassar garrbet danni ghall-ammont ta' Lm13,174.80c (tlettax-il elf mija u erbgha u sebghin lira Maltija u tmenin centezmu).

"Illi l-kawza in ezami, azzjoni ta' danni, mhux suppost li kellha tipprezenta xi diffikultajiet partikolari ghal dak li jkkoncerna min kellhom ikunu l-partijiet fiha. Madanakollu min ipprezenta l-att ta' citazzjoni donnu li ghamel li seta' biex jikkomplika l-vertenza bla ma kien mehtieg. Hekk insibu li proprjament ic-citazzjoni kien messha giet intavolata biss minn Nicholas Cassar li kien imexxi u jiggestixxi d-Ditta li ggib l-isem tieghu u li lahqet il-ftehim mal-kontraparti. Fil-kors tal-provi ulied dan l-attur xehdu li l-interessi kummercjali ta' din id-Ditta marru a favur socjetà kummercjali bl-isem ta' Nicholas Cassar Limited però prova ta' dan is-suppost trasferiment ta' assi jew interessi kummercjali ma waslet qatt u, konsegwentement l-ewwel eccezzjoni tas-socjetà W.J. Parnis England Limited fis-sens li ma kienet tezisti l-ebda relazzjoni guridika bejnha u bejn is-socjetà Nicholas Cassar Limited tregi u qeghda tigi akkolta, li allura jfisser li s-socjetà eccipjenti qeghda tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju fil-konfront ta' din is-socjetà attrici bl-ispejjez relattivi kontra l-atturi proprio et nomine.

"Minbarra s-suespost, jidher li l-attur proprio et nomine ddecieda li jestendi l-azzjoni tieghu mhux biss kontra s-socjetà inkarigata mit-trasport tal-merkanzija imma wkoll kontra s-socjetà assiguratrici Hayes Insurance Agency Limited u dana meta c-citazzjoni kif dedotta ma tistabilixxi l-ebda ness guridiku dirett ma' din is-socjetà. Bl-istess mod, waqt li l-attur - gustament kif jemergi mill-provi -

ikkontenda illi l-ftehim mas-socjetà W.J. Parnis England Ltd. kien jikkomprendi t-tragitt intier minn Buenos Aires sa Malta, huwa deherlu opportun li jinkludi wkoll bhala ko-konvenuta lis-socjetà Middle Sea Insurance Company Limited.

“Illi b’nota datata l-5 ta’ Gunju 1997, l-attur proprio et nomine ipprezenta nota ta’ cessjoni (ara fol. 73 tal-process) li permezz taghha huwa ceda l-atti tal-kawza fil-konfront tal-konvenuti Albert Mizzi u Norman Mifsud ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjetà Middle Sea Insurance Company Limited u James Hayes bhala Chairman ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjetà Hayes Insurance Agency Limited, izda fl-istess waqt zamm ferm l-atti tal-kawza fil-konfront ta-socjetà konvenuta l-ohra W.J. Parnis England Limited.

“Illi mill-provi li gew prodotti jirrizulta sufficjentement assodat illi kien hemm ftehim bejn Nicholas Cassar u s-socjetà konvenuta W.J. Parnis England Limited fil-kwalità taghha ta’ agent tas-socjetà estera Niver Lines, armaturi tal-vapur *Karpathos* ghall-garr bil-bahar ta’ merkanzija cikkulata taht certi kundizzjonijiet specifici, fosthom li din il-merkanzija tinzamm *below the water line* biex kemm jista’ jkun jigi assigurat li l-merkanzija de quo tinzamm taht temperatura friska u ma ssirilhiex hsara. Irrizulta li sar trasbord gewwa Livorno u li c-cikkulata twasslet ghand id-destinatarju fi stat ta’ danneggjament kwazi totali b’mod li ma baqghetx izjed kummercjabbli jew tajba ghan-negozju. Peress li responsabbli mit-tragitt intier kienet is-socjetà konvenuta surreferita fil-kwalità taghha ta’ agent tas-socjetà principali NIVER LINES, allura din ghandha tirrispondi ghad-danni kollha hekk ikkagonati. Mill-provi prodotti u mhux ikkontestati jirrizulta li dawn id-danni komplessivament jammontaw ghal Lm13,174.80c.”

Rat ir-rikors ta’ l-appell tas-socjetà konvenuta W.J. Parnis England Limited illi bih, ghar-ragunijiet hemm esposti, talbet hekk:

“… li din l-Onorabbli Qorti joghgobha:

tirrevoka d-digriet tat-8 ta’ Jannar 2001 u tnehhi mill-inkartament tal-kawza d-dokumenti u provi mressqa in forza ta’ dan id-digriet, u tvarja s-sentenza moghtija mill-ewwel Onorabbli Qorti fit-8 t’Ottubru, 2001 fl-ismijiet premessi billi tikkonferm[a]ha fejn laqghet l-ewwel eccezzjoni tas-socjetà konvenuta u tirriform[a]ha f’dak li jirrigwarda min ghandu jkun responsabbli ghad-dannu sofrut [*sic*] mis-socjetà attrici fis-sens illi s-socjetà appellanti m’ghandhiex tkun mizmuma responsabbli ghat-talbiet tal-appellati li ghandhom jigu michuda fil-konfront taghha bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-istess appellati”;

Rat ir-risposta ta’ l-atturi illi permezz taghha, ghar-ragunijiet hemm esposti, issottomettew illi s-sentenza appellata hija gusta u timmerita illi tigi konfermata;

Ezaminat l-atti kollha tal-kawza;

Trattat l-appell;

Ikkunsidrat:

Illi huwa opportun illi l-ewwel tigi trattata t-talba tas-socjetà appellanti ghar-revoka tad-digriet tat-tmienja (8) ta’ Jannar, 2001 hawn fuq riprodott. Sabiex issostni din it-talba taghha s-socjetà appellanti, fir-rikors ta’ appell, filwaqt illi ppremettiet illi “… skond l-Artikolu 206(2) [tal-Kap. 12] tali provi jistghu jingiebu bil-permess tal-Qorti u ghal raguni valida”, issottomettiet hekk:
“Illi … ir-ragunijiet mghotija fid-digriet ma jikkostitwux raguni valida kif titlob il-ligi stante li:

- id-dokument ghalkemm inhareg fil-mori tal-kawza seta gie prodott ferm qabel;
- Giet pregudikata d-difiza tal-appellanti;
- Gew esebiti dokumenti ulterjuri mhux awtorizzati fosthom dokument li ma nharigx fil-mori tal-kawza;
- Id-dokument esebit minnu nnifsu ma kellu ebda ness mal kawza.
- Ma ntweriet ebda gusta kawza.”

Illi dina l-Qorti hija tal-fehma illi ma ghandhiex tiddisturba id-diskrezzjoni ezercitata mill-ewwel Qorti meta kkonkludiet illi kien hemm “raguni tajba” sabiex tawtorizza l-esibizzjoni tad-dokument in kwistjoni u, konsegwentement, sejra tirrespingi t-talba tas-socjetà appellanti ghar-revoka tad-digriet tat-8 ta’ Jannar, 2001 u ghat-tnehhija “mill-inkartament tal-kawza [ta]d-dokumenti u provi mressqa in forza ta’ dan id-digriet”. Dina l-Qorti trid taghmilha cara illi hija ma taqbilx illi permezz tad-digriet impunjat “giet pregudikata d-difiza ta’ l-appellanti”; dana ghaliex fl-imsemmi digriet l-ewwel Qorti, wara illi laqghet it-talba ghall-produzzjoni tad-dokument in kwistjoni, kompliet hekk: “… b’rizerva lill-konvenut nomine ghal fini ta’ verifika ta’ l-istess dokument u ghad-dritt ta’ kontro-ezami jew xhieda kuntrarja, skond il-kaz”. Kwantu ghas-sottomissjoni tas-socjetà appellanti illi “gew esebiti dokumenti ulterjuri mhux awtorizzati fosthom dokument li ma nharigx fil-mori tal-kawza”, huwa sufficjenti illi jinghad illi dina l-Qorti ma rnexxilha ssib ebda dokument illi gie pprezentat wara d-digriet tat-8 ta’ Jannar, 2001 u illi “ma nharigx fil-mori tal-kawza”. Infatti, filwaqt illi l-att ta’ citazzjoni gie intavolat fil-hamsa (5) ta’ Mejju, 1995, jirrizulta illi wara l-imsemmi digriet gew esibiti zewg (2) dokumenti biss, dak a fol. 144 datat tmienja u ghoxrin (28) ta’ marzu, 2001 u dak a fol. 145 datat tlieta u ghoxrin (23) ta’ Marzu, 2000;

Ikkunsidrat:

Illi l-aggravji tas-socjetà appellanti kontra s-sentenza tat-8 ta’ Ottubru, 2001 huma s-segwenti:

1. Illi s-socjetà appellanti *qua* agent tas-socjetà Niver Lines kienet responsabbli biss ghat-trasport tal-merkanzija in kwistjoni bejn Buenos Aires u Livorno u ma kienitx responsabbli ghat-trasport ta’ l-istess merkanzija bejn Livorno u Malta;

2. Illi, fi kliem ir-rikors ta’ appell, “… ma giex pruvat li d-ditta Nicholas Cassar sofriet xi danni ghaliex ma kienetx tezisti la meta giet intavolata l-kawza u l-anqas meta nghatat is-sentenza”;

3. Illi, ukoll fi kliem ir-rikors ta' appell, "… ma saret ebda prova dwar l-istat tal-merkanzija qabel ma beda t-tragitt minn Buenos Aires liema prova setghet facilment tingieb mill-appellata imma biss *commercial invoice* a fol 13 tal-process u *packing list* a fol 12, ghalhekk bl-akbar rispett ma giex ippruvat li d-danni gew ikkagunati waqt it-tragitt bejn Buenos Aires u Malta";

4. Dejjem fi kliem ir-rikors ta' appell, "… r-raba aggravju … huwa kumplimentarju ghat-tieni aggravju u bbazat fuq il-fatt li ma ngabet ebda prova li Nicholas Cassar f'ismu propju u/jew ghan-nom tad-ditta Nicholas Cassar sofra xi forma ta' danni stante li provi mressqas kien [*sic*] kollha dwar danni allegatament sofferti minn Nicholas Cassar Limited li ma kellha ebda relazzjoni guridika";

Ikkunsidrat:

Illi l-ewwel aggravju tas-socjetà appellanti, fis-sustanza, jammonta ghal sottomissjoni illi, kwantu ghal dak illi jirrigwarda safejn tasal ir-responsabilità ta' l-istess socjetà, l-ewwel Qorti ghamlet apprezzament zbaljat tal-provi prodotti. Dina l-Qorti, wara ezami ta' dawn il-provi, ma taqbilx ma' din is-sottomissjoni ghaliex, fil-fehma taghha, l-ewwel Qorti ghamlet apprezzament korrett ta' l-istess provi fis-sentenza appellata. Ma' dak illi qalet l-ewwel Qorti dwar ir-responsabbiltà tas-socjetà appellanti ghat-trasport tal-merkanzija in kwistjoni kemm bejn Buenos Aires u Livorno u kemm bejn Livorno u Malta, dina l-Qorti izzid is-segwenti siltiet mid-depozizzjonijiet tax-xhieda prodotti mill-atturi, Anna Cassar (fol. 84-92) u Graziella Cassar (fol. 94-100):

<u>Depozizzjoni ta' Anna Cassar</u>:

"<u>Dr. Simon Tortell</u>: Tal-vjagg kollu, *sia* sa Livorno u *sia* lil hawn lil min hallastu?

<u>Xhud</u>: Lil Parnis England.

…

<u>Dr. Simon Tortell</u>: Jigifieri mill-Argentina ghal hawnhekk hallastu lil Parnis England ghal kollox? Tal-vjagg, tal-*freight* u kollox?

<u>Xhud</u>: Iva, kollox lilu.

…
<u>Dr. Simon Tortell</u>: Min qabbad lis-Sea Malta?
<u>Xhud</u>: Huma wkoll. Parnis England. Ahna tajnihom biex igibulna x-xoghol *from point A to point B and they took it*."
<u>Depozizzjoni ta' Graziella Cassar</u>:
"<u>Dr. Simon Tortell</u>: Lil min hallastu tal-vjagg?
<u>Xhud</u>: Lil Parnis England.
<u>Dr. Simon Tortell</u>: Jigifieri fl-ebda mument ma dhaltu fi ftehim ma' haddiehor?
<u>Xhud</u>: Le, ma kien hemm hadd iktar involut.
…
<u>Dr. Simon Tortell</u>: Lis-Sea Malta qatt kellimtuhom?
<u>Xhud</u>: Le."

Ghar-ragunijiet hawn fuq imsemmija, l-ewwel aggravju tas-socjetà appellanti mhux fondat;

Ikkunsidrat:

Illi dwar it-tieni (2) aggravju tas-socjetà appellanti ma tantx hemm x'jinghad sabiex jintwera illi mhux fondat. Issir riferenza biss ghas-segwenti silta mis-sentenza appellata (pagina 12 tas-sentenza):
"… proprjament ic-citazzjoni kien messha giet intavolata biss minn Nicholas Cassar li kien imexxi u jiggestixxi d-<u>Ditta</u> li ggib l-isem tieghu u <u>li lahqet il-ftehim mal-kontoparti</u>. Fil-kors tal-provi wlied dan l-attur xehdu li l-interessi ta' din id-Ditta marru a favur socjetà kummercjali bl-isem ta' Nicholas Cassar Limited però <u>prova ta' dan is-suppost trasferiment ta' assi jew interessi kummercjali ma waslet qatt</u> …" (sottolinear ta' dina l-Qorti);

Il-konsegwenza logika u legali ta' dak illi kkonstat l-ewwel Qorti fis-silta appena citata mis-sentenza appellata - konstatazzjoni illi ma jirrizultax illi hija kontestata - hija illi d-ditta Nicholas Cassar kienet ghadha tezisti meta giet pronunzjata s-sentenza appellata;

Ikkunsidrat:

Illi jidher illi meta fit-tielet (3) aggravju taghha s-socjetà appellanti sostniet illi "… ma saret ebda prova dwar l-istat tal-merkanzija qabel ma beda t-tragitt minn Buenos Aires" u affermat illi fl-atti hemm "… biss *commercial invoice* a fol 13 tal-process u *packing list* a fol 12", konvenjentement injorat l-ezistenza tal-*bill of lading* (fol. 9) illi minnu jirrizulta illi l-merkanzija in kwistjoni kienet *clean on board* meta tghabbiet fuq il-vapur illi ttrasportaha bejn Buenos Aires u Livorno;

Ghalhekk, it-tielet (3) aggravju tas-socjetà appellanti ma jirrizultax fondat;

Ikkunsidrat:

Illi, kwantu ghad-danni illi giet kundannata thallas lill-atturi, is-socjetà appellanti, fir-rikors ta' appell, ghamlet ukoll riferenza ghal allegati diskrepanzi bejn dak illi jirrizulta mid-dokumenti esibiti a fol. 144 u a fol. 145 tal-process, minn naha wahda, u bejn dik illi jirrizulta mill-*bill of lading* illi ghadu kemm issemma, min-naha l-ohra. Fil-fehma ta' dina l-Qorti, jekk is-socjetà appellanti ghandha ragun dwar dawn id-diskrepanzi, jirrizulta illi l-atturi qed jippretendu - u inghataw - danni anqas milli setghu kienu intitolati ghalihom. Hekk, per ezempju, jirrizulta mis-segwenti silta tar-rikors ta' appell:
"Illi l-anqas jekk isir ezami tal-polza tal-kariku mal-i*statement* esebit a fol 144 ma hemm qbil dwar in-numru distrutt li kkagunaw danni. Skond dan id-dokument gew distrutti 1158 *item* meta skond l-appellati l-merkanzija kienet tikkonsisti fi 1640 *item*!"

Kien ikollha ragun is-socjetà appellanti illi tilmenta kieku, *dato* illi gew importati 1640 *item* (jew ahjar *carton*), l-atturi esigew danni dwar 1641 *cartons* jew izjed. Però, ghaliex ghandha tilmenta s-socjetà appellanti la darba skond id-dokument a fol. 144 l-atturi qed jirreklamaw danni dwar 1158 *cartons*?

Ikkunsidrat:

Illi fir-rikors ta' appell is-socjetà appellanti ssottomettiet ukoll hekk:
"Illi subordinatament u *in subsidium* jigi wkoll sottomess li l-*quantum* tad-danni huwa wkoll zbaljat peress li qabel xejn gie mizjud il-profitt li kien se jsir mill-bejgh meta tali profitt huwa ipotetiku u mhux prova accettabbli dwar danni subiti (ara fol 144) …" (sottolinear ta' dina l-Qorti);

Dina l-Qorti hija konvinta illi, generalment, meta negozjant ibiegh il-merkanzija illi jimporta huwa jirrealizza profitt. Dina l-Qorti hija konvinta wkoll illi fil-kaz in ezami, meta jirrizulta mill-provi prodotti illi l-merkanzija in kwistjoni - konsistenti f'cikkulata - kienet intenzjonata illi tigi spjaccata fis-suq lokali ghall-festi ta' l-Ghid u ta' *Mothers' Day*, l-atturi kien jirnexxilhom ibieghu l-istess merkanzija bi qliegh. Tajjeb illi jigi osservat ukoll illi meta l-ewwel Qorti, permezz tad-digriet hawn fuq riprodott tat-8 ta' Jannar, 2001, awtorizzat lill-atturi sabiex iressqu provi dokumentarji ulterjuri dwar il-*quantum* tad-danni, hija ziedet tghid hekk:
"… b'riserva lill-konvenut nomine ghal fini ta' verifika ta' l-istess dokument u ghad-dritt ta' kontro-ezami jew xhieda kuntrarja, skond il-kaz."

Id-dokument a fol. 144 gie esibit mill-atturi in segwitu ghall-imsemmi digriet u s-socjetà appellanti ghazlet illi, quddiem l-ewwel Qorti, ma tirribattix dak illi jirrizulta mill-istess dokument;

Ikkunsidrat:

Illi, la darba gie dikjarat infondat it-tieni (2) aggravju tas-socjetà appellanti, ma hemmx lok illi jigi konsidrat ir-raba' (4) aggravju taghha;

Ghal dawn il-motivi:

Tiddisponi mill-appell billi tichdu u billi tikkonferma kemm id-digriet appellat tat-tmienja (8) ta' Jannar, 2001 u kemm is-sentenza appellata tat-tmienja (8) ta' Ottubru, 2001;

Tordna illi l-ispejjez ta' din l-istanza jigu sopportati kollha mis-socjetà appellanti.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------